# Lectio Divina

## It-28 Ħadd
## Sena B

### Mk 10, 17-30

**“Kien se jaqbad it-triq, meta mar fuqu wieħed jgħaġġel, niżel għarkupptejh quddiemu u qallu: ‘Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?’" (v.17)**

**“mar fuqu wieħed jgħaġġel, niżel għarkubbtejh quddiemu”:** F’vers parallel ma’ dan hemm: “Mela jqum wieħed għaref tal-Liġi u, biex iġarrbu, staqsieh: ‘Mgħallem, x’nagħmel biex niret il-ħajja ta’ dejjem?’” (Lq 10,25). F’dan il-kuntest jidher li dan ir-raġel ried jaqta’ figura tajba quddiem l-oħrajn b’ġesti li esternament juru ħerqa, rispett u reverenza lejn Ġesù.
**“x'għandi nagħmel...?”:** Kien qed jassumi li s-Salvazzjoni hi ħaġa li takkwistaha bil-ħila tiegħek: “Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi... mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar (Ef 2,8-9; ara wkoll Gal 2,16).
**“il-ħajja ta' dejjem”:** Fis-seklu 2 Q.K, il-ħajja ta’ dejjem issir aktar mistennija u kienu jistaqsu kif setgħu jirtu l-wegħdiet t’Alla. Hija l-eklu tal-Anawim: ‘Mulej min jgħammar fid-dar tiegħek’ (15,1) u “min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu” (Salm 24,3).

**"‘Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'?’ qallu Ġesù, ‘ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss.’” (v.18)**
Dan l-individwu ma jasalx jidentifika lil Kristu ma’ Alla l-Missier bħalma jagħmel Pietru meta jistqarr “Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj” (Mt 16,16). Tant kien imwaħħal mal-Liġi li ma setax jagħraf li l-milja tal-Liġi hija Kristu: “L-iskop tal-liġi hu Kristu” (Rum 10,4).
**‘tajjeb’**: Ma hemm xejn tajjeb jekk mhuwiex f’konnessjoni ma’ DAK li huwa tajjeb.

**“Inti l-kmandamenti tafhom: la toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, la tiħux bil-qerq dak li hu ta' ħaddieħor; weġġaħ lil missierek u 'l ommok." (v.19)**
Isemmi l-kmandamenti li jirrigwardaw l-impenn lejn l-oħrajn u jħalli barra d-dmir tal-bniedem lejn Alla. Mill-komunjoni mal-oħrajn wieħed jikseb dispożizzjoni għal relazzjoni ma’ Ġesù u konsegwentament għal relazzjoni m’Alla.
Il-kmandamenti jibdew b’relazzjoni m’Alla u mhux b’norma: “Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-jasar tal-Eġittu, minn dar il-jasar” (Eż 20,2). Fin-norma, wieħed suppost jara r-relazzjoni tiegħu m’Alla, mentri r-raġel ħaseb li hija l-Liġi li ddaħħlek f’relazzjoni m’Alla. Dan narawh ukoll fl-atteġġjament tal-iben il-kbir tal-parabbola: “kelmtek ma ksirtielek qatt” (Lq 15,29), u issa jistenna l-gidi. Jekk ir-relazzjoni tagħna hija mal-Liġi, aħna lsira tal-Liġi u m’aħniex ulied: il-Liġi toqtol (ara 2 Kor 3,6).
**“U dak wieġbu u qallu: ‘Mgħallem, jiena dan kollu ili nħarsu minn żgħożiti.’" (v.20)**
**“minn żgħożiti”**: dan ifisser li mhuwiex żagħżugħ, bħalma jidher f’Mt 19,22.
Qed jitkellem mill-osservanza ta’ barra tal-Liġi u mhux minn dak ta’ ġewwa. Għalkemm f’dak ta’ ‘barra’ kien jidher sodisfatt, xorta waħda ħass li tonqsu xi ħaġa oħra: “Jiena dan kollu ħaristu: x’jonqosni iżjed?” (Mt 19,20).

**“Imbagħad Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba u qallu: ‘Ħaġa waħda tonqsok: mur bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja.’" (v.21)**
**“xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba”:** (bil-Grieg ***emblepsas***). Hija l-ħarsa li tinfed fil-profondità sa ma tilħaq il-qalb.

Issa r-raġel qed jiġi mitlub li jafda f’Ġesù u mhux jafda f’dak li jippossjiedi: f’qalbu, f’moħħu ... f’kull tip ta’ ġid li kellu, li kien ‘tiegħu’. Din hija l-libertà kbira li timxi wara Ġesù, u fl-istess waqt il-liberazzjoni minn dak kollu li jista’ jfixkel din il-mixja. Huwa faċli li wieħed isir skjav ta’ dak li għandu.

Ġesù ried iwassal lill-għani jagħraf li, fil-verità, huwa kien fqir: "Int tgħid, 'Jiena għani, jiena stagħnejt u ma jonqosni xejn', bla ma taf li l-imsejken huwa int, ta' min jitħassrek, fqir, agħma u għeri" (Apok 3,17).

**"bigħ li għandek... agħtih lill-fqar":** Għalkemm josserva l-kmandamenti li jirrigwardaw il-proxxmu, xorta qalbu ma kenitx miftuħa għall-proxxmu. Relazzjoni vera mal-oħrajn twasslek tinteressa ruħek fl-oħrajn, kif ġara fl-istorja ta' Żakkew (ara Lq 19, 1-10). Filwaqt li Żakkew kellu isem, dan ir-raġel baqa' bla isem għax baqa' marbut u magħluq fih innifsu. **"Mur", "bigħ", "agħtih", "ejja"** u **"imxi warajja":** Ħames imperattivi li jitolbu mixja progressiva.

**"Imma għal dan il-kliem ir-raġel qarras wiċċu u telaq b'qalbu sewda, għaliex kellu bosta ġid." (v.22)**

"**qarras wiċċu":** Ħass li ma setax iwieġeb għall-istedina ta' Ġesù biex ikun dixxiplu tiegħu. Il-mixja wara Ġesù titlob ċaħda minn ħafna rabtiet personali (ara Lq 9, 57-62). Ġesù ma jbaxxix l-aspettattivi tiegħu mid-dixxipulat: lil 'ulied ir-ragħad' iċanfarhom (ara Lq 9,54), l-istess jagħmel ma' Pietru – "ħadd ma jista' jkun dixxiplu tiegħi jekk ma jitlaqx ġidu kollu" (Lq 14,33).

**'telaq b'qalbu sewda':** Huwa l-uniku bniedem fit-Testment il-Ġdid li mar lura mdejjaq, filwaqt li kien hemm xi wħud li resqu lejn Ġesù mdejqa, bħad-dixxipli ta' Emmaws (ara Lq 24,17), u marru lura ferħana.

Min isib il-ġawhra prezzjuża jmur bil-ferħ ibigħ kulma jkollu (ara Mt 13,46). Kien imqiegħed fil-miżien u nstab nieqes fil-piż (ara Dan 5,27) u ma setax għalhekk ikun dixxiplu (ara Lq 14,33). Il-ġid li kellu kien qed iżommu lura milli jidħol fis-Saltna.

Ir-raġel iħossu hekk marbut ma' dak li umanament kien qed jimlielu ħajtu – l-osservanza tal-Kmandamenti - li ma setax iħalli l-Ispirtu jbattlu minn kollox ħalli seta' jimla l-ispazju kollu tal-interjorità ta' qalbu, bħall-poplu ta' Iżreal li fid-deżert tant kien għadu marbut mal-Eġittu li ma setax jiggosta l-manna li l-Mulej kien qed jipprovdilu. Il-Kelma t'Alla kixfet li huwa kien ilsir: dak li kien jistrieħ fuqu kien qiegħed jirrendilu ħajtu mmobbli, fqira, mingħajr avventura u xejn ġdid fiha.

**“Ġesù mbagħad ħares ħarsa madwaru u qal lid-dixxipli tiegħu: ‘Kemm hi iebsa għall-għonja li jidħlu fis-Saltna ta' Alla!’ Id-dixxipli stagħġbu għal din il-kelma, imma Ġesù raġa' qalilhom: ‘Kemm hi iebsa, uliedi, li wieħed jidħol fis-Saltna ta' Alla!’” (v.23-24)**
Sa issa, li wieħed kien ikollu l-ġid kien sinjal tal-barkiet li jagħti l-Mulej (ara Dt 28,1-14). Il-ġid hu mogħti minn Alla bħala approvazzjoni u barka tiegħu fuq għemilu u fuq ħajtu.

**“‘Eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla!’ Huma stagħġbu wisq aktar, u bdew jgħidu wieħed lil ieħor: ‘Mela min jista' jsalva?’" (v.25-26)**
Din hija iperbola (eseġerazzjoni ovvja) biex turi kemm tassew dan il-kliem huwa diffiċli: Il-ġemel kien meqjus bħala l-ikbar annimal fi żmien Ġesù u l-għajn tal-labra l-iżgħar apertura.

L-istagħġib kien doppju: minħabba li d-diffikultà li tidħol fis-Saltna ma kenitx biss għal dak ir-raġel u minħabba l-iperbola tal-ġemel. Filwaqt li kien diffiċli għaż-żagħżugħ li jidħol fis-Saltna, issa b’mod ġenerali d-daħla fis-Saltna hi diffiċli għal kulħadd għax l-għana għandu ħafna dimensjonijiet: dak intelletwali, il-pożizzjoni, il-personalità, it-talenti.... u faċli għal kulħadd li jkun attakkat ma’ wieħed mill-forom tiegħu.

**"Mela min jista' jsalva?" :** Ġesù, bin-nuqqas ta’ realiżmu min-naħa tiegħu, irid iwassalhom biex jagħmlu huma din il-mistoqsija bażika.